MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 201/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. M. Buttigieg)**

**Vs**

**Rita Hicklin**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-8 t'Awissu, 2001 fil-11.15 a.m. u f'dawn il-granet go 72, Vjal il-Helsien, Zebbug, ippermettiet katusa tal-ilma tal-bejt f'kommunikazzjoni diretta mal-katusi tad-drenagg minghajr il-permess tal-Awtorita' Sanitarja.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-10 ta’ Gunju, 2005, li biha wara li rat l-Artikoli 97(f)(1) tal-Kap. 10, sabet lill-imputata hatja w ikkundannata thallas amenda ta’ hamsa w ghoxrin liri Maltin (LM25) u ordnat li l-imputata tesegwixxi x-xogholijiet necessarji sabiex l-ilma tax-xita tal-fond indikat fic-citazzjoni ma jibqax komunikat mas-sistema tad-drenagg u dan fi zmien tlett xhur u dana kollu taht penali ta’ LM2 kull jum fin-nuqqas, a tenur tal-Artikolu 321(1) tal-Kap. 10.
Jekk dan iz-zmien jghaddi inutilment, il-Qorti awtorizzat lill-Kummissarju tal-Pulizija jesegwixxi x-xogholijiet taht is-supervizzjoni tal-Perit Schembri u dana a spejjez tal-imputata, ai termini tal-Art 321(2) tal-Kap. 10.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnu pprezentat fit-22 ta’ Gunju, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellata w tilliberaha minn kull htija w piena dwar dawn l-akkuzi.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti u cioe :- li fl-ewwel lok japplika l-principju tan-*ne bis in idem* billi l-istess appellanti kienet tressqet quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzata bl-istess reat u kienet giet illiberata mill-Qorti tal-Appell Kriminali minn kull imputazzjoni w htija. Sussegwentement hija regghet giet imressqa ghat-tieni darba quddiem l-istess Qorti tal-Magistrati fejn, ghalkemm inghatat l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* , l-Ewwel Qorti skartat ghal kollox din l-eccezzjoni. Fit-tieni lok l-Ewwel Qorti naqset li tezamina jekk l-appellanti kienetx hi responsabbli ghall-komunikazzjoni mit-toqba li hemm fil-bejt ghas-sistema tad-drenagg . Meta hi akkwistat il-fond in kwistjoni ‘l fuq minn ghoxrin sena qabel, il-komunikazzjoni kienet kif sabha l-perit Valerio Schembri u ghalhekk irrizulta li bl-ebda mod ma kienet hi li ppermettiet katusa tal-ilma tal-bejt tigi komunikata diretta mad-drenagg. Ghalhekk ma setghetx tinstab hatja. Illi l-azzjoni hija preskritta ghax il-katusa ilha imwahhla hemm aktar minn ghoxrin**

**sena. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta laqghet l-konkluzzjonijiet tal-Perit Valerio Schembri u ghamlithom taghha u dan ghax il-perit irrakkomanda biss zewg rimedji, imma l-ewwel Qorti fid-*decide* ma qalitx liema minn dawn iz-zewg rimedji trid tattwa l-appellanti. Illi jekk l-appellanti tigi kostretta tesegwixxi l-ewwel soluzzjoni, ser tidhol fi problemi legali ta' natura differenti m' awtoritajiet kompetenti ohrajn. Illi t-tieni soluzzjoni timporta spiza kbira u din mhix rakkomandazzjoni viabbli. Illi hemm alternattiva ohra li barra milli hija viabbli ma hix oneruza fuq l-appellanti.**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dwar l-Ewwel aggravju tan-*ne bis in idem*, dan hu manifestament infondat. Fl-ewwel lok jigi precizat li s-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-10 ta' Novembreu, 2000, li ghaliha tirriferi l-appellanti, proprjament illiberat lill-appellanti odjerna mill-akkuza li taghha kienet instabet hatja b' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 t' Ottubru, 2000 , mhux fuq xi motivazzjoni dwar il-mertu izda biss ghax fl-appell ma deherx xhud u skond din il-Qorti ma ngabu ebda provi li b' xi mod jissostanzjaw l-imputazzjoni originarjament migjuba fil-konfront tal-appellanti f' dik il-kawza.**

**Issa trattandosi ta' reat** <u>permanenti</u> **w cioe' *"continuing offence",* ma hemm xejn xi jzomm lill-Prosekuzzjoni milli terga' tipprocedi mill-gdid fuq l-istess reat permanenti b' riferenza pero' ghal zmien iehor li ma jkunx dak kontemplat fl-akkuza originali li fuqha dak li jkun, ikun gie processat. F' dan il-kaz proprju hekk sar**

**u fil-waqt li l-ewwel process kien jirrigwarda z-zmien u data tat-13 ta' Settembru, 1999 u f' dawk il-granet, din l-akkuza tirrigwarda id-data tat-8 t' Awwissu, 2001u dawk il-granet. Ghalhekk din hija akkuza differenti li dwarha ma kien hemm ebda gudikat u ergo l-ewwel aggravju hu manifestament infondat;**

**Illi t-tieni aggravju li hu bazat fuq il-fatt li ma kienetx l-appellanti li kkomunikat il-katusa tal-bejt ma dik tad-drenagg ukoll huwa nfondat ghaliex stante li dan hu reat permanenti, u stante li fid-data indikata fl-imputazzjoni hija kienet is-sid jew l-amministrtatur tal-post, xorta kellha l-obbligu li tirmedja ghas-sitwazzjoni ta' illegalita' li kienet tezisti fil-fond minnha amministrat, anki jekk il-komunikazzjoni originali ma kienetx saret minnha.**

**It-tielet aggravju dwar il-preskrizzjoni ukoll huwa nfondat ghax skond l-artikolu 691 (1) tal-Kodici Kriminali,ghar-reati permanenti iz-zmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat. F' dan il-kaz l-istat t' illegalita' ghadu jippersisti sal-lum u ghalhekk l-akkuza ma tista' qatt titqies preskritta anki jekk l-istat ta' illegalita' beda ghoxrin sena ilu kif tallega l-appellanti.**

**Illi l-ahhar aggravju hu li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti. Jekk dan l-aggravju jirriferi ghall-kwistjoni tal-htija tal-appellanti , jintqal mill-ewwel li hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-**

**Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "*inter alia"* l-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94; "**ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi " **[14.2.1989]; "**il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991] ;** "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn .)**

**Illi din il-Qorti ghamlet l-ezami tal-provi u hija sodisfatta li l-Ewwel Qorti mhux biss setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija li waslet ghaliha imma li sahansitra ma setghetx tasal ghal konkluzzjoni differenti. Ghalhekk dan l-aggravju hu ukoll infondat taht dan l-aspett.**

**Illi jekk dan l-aggravju jirrigwarda l-fatt – kif donnu jidher li hu l-kaz – li l-Ewwel Qorti ma specifikatx liema miz-zewg soluzzjonijiet rakkomandati mill-PeritValerio Schembri , kellha tesegwixxi l-appellanti, jinghid biss li l-Ewwel Qorti mhux marbuta li tordna hi liema ghandu jkun l-mod kif tigi eliminata l-illegalita' u bil-mod kif irredigiet is-sentenza w cioe' billi ordnat lill-appellanti *"tesegwixxi ix-xogholijiet necessarji sabiex l-ilma tax-xita tal-fond indikat fic-citazzjoni ma jibqax ikkomunikat mas-sistema tad-drenagg u dan fi zmien tlitt xhur mid-data tas-sentenza"* proprju halliet f' idejn l-appellanti biex issib l-aktar mod prattiku ghaliha kif tikkonforma ruha mal-ligi minghajr ma rabtitha li ssegwi xi wahda miz-zewg rakkomandazzjonijiet maghmula mill-Perit Schembri fir-relazzjoni. Ghalhekk l-appellanti zgur li ma tistax tilmenta minn dan u ghadha libera li taddotta soluzzjonijiet anki differenti minn dawk rakkomandati mill-Perit Schembri , basta li dawn jaqtghu kull komunikazzjoni diretta mas-sistema tad-drenagg.**

**Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza konfermata fl-intier taghha, b'dana li t-**

**terminu ta' tlitt xhur biex jitlestew u jsiru x-xogholijiet necessarji, jibda jghaddi mill-lum.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------